MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2013

Numru. 441/2010

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**

**vs**

**WAYNE DELIA**
**AARON STEVEN STEWART EDWARD SIVE AARON RITCHIE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Wayne Delia, ta' 24 sena, bin Martin u Mandy nee' Warner, imwieled Pieta' nhar il-21 ta' Novembru, 1985 u li joqghod 24, Triq ir-Ramla, Zejtun, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 574785M

U

Kif ukoll Aaron Steven Stewart Edward sive Aaron Ritchie, ta' 26 sena, bin Edgar u Janet nee' Rayner, imwieled fl-Ingilterra nhar is-17 ta' Frar, 1984 u li joqghod 176, Triq Bormla, Rahal il-Gdid, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 77000L

Gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn nofs in nhar tas-27 ta' Mejju, 2005 u l-ghaxra u nofs ta' filghodu tal-31 ta' Mejju, 2005, ikkommettew serq ta' diversi oggetti ikkwalifikat bil-lok, hin, mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro cent (LM 1000), liema serq sar ghad-detriment ta' Mary Rose Zammit u zewgha Adrian Zammit miz-Zejtun;

U aktar talli nhar id-9 t' Gunju, 2005 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom liema oggetti gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro cent (LM 1000);

Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn nofs in nhar tas-27 ta' Mejju, 2005 u l-ghaxra u nofs ta' filghodu tal-31 ta' Mejju, 2005 volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg hadiehor mobbli jew immobbli, liema hsara li saret ghad-detriment ta' Mary Rose Zammit u zewgha Adrian Zammit miz-Zejtun tammonta ghal aktar minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin Euro cent (Lm50)

Kif ukoll Aaron Steven Stewart Edward sive Aaron Ritchie wahdu gie akkuzat talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati ta' reat b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fl-ezami taghhom l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li jaqbel li fil-passat Wayne Delia kellu problema ta’ abbuz mid-droga li issa jidher li qieghed johrog minnha u ghall-fini li jkun assistit ma jergax jaqa’ f’dan il-vizzju ikun opportun li l-imputat Wayne Delia jitpogga taht Ordni ta’ Probation. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat Aaron Steven Stewart Edward sive Aaron Ritchie ghandu problema ta’ abbuz mid-droga u ghall-fini li jkun assistit johrog minn dan il-vizzju ikun opportun li l-imputat Aaron Steven Stewart Edward sive Aaron Ritchie jitpogga taht Ordni ta’ Probation.

Rat fil-konfront tal-imputat Wayne Delia l-artikoli 17, 261(e), (f), (b) u (c), 263, 267, 269, 270, 279(b), 280(2), 334, 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Aaron Steven Stewart Edward sive Aaron Ritchie l-artikoli 17, 31, 261(e), (f), (b) u (c), 263, 267, 269, 270, 279(b), 280(2), 334, 325(b), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati Wayne Delia u Aaron Steven Stewart Edward sive Aaron Ritchie fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imsemmija imputati ammettew fi stadju bikri tal-kawza u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward l-imsemmija zewg imputati kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap.

446 tal-Ligjiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat Wayne Delia u lill-imputat Aaron Steven Stewart Edward sive Aaron Ritchie taht ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum kull wiehed u dan inkwantu ghall-imputat Wayne Delia bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u sabiex l-istess imputat ikun assistit sabiex ma’ jergax jaqa’ fil-vizzju tad-droga u nkwantu ghall-imputat Aaron Steven Stewart Edward sive Aaron Ritchie bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u sabiex l-imsemmi imputat ikun assistit johrog mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna li d-Digrieti annessi ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifformaw parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digrieti annessi ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjali tal-Probation lill-imputati Wayne Delia u Aaron Steven Stewart Edward sive Aaron Ritchie .

L-Ufficjali tal-Probation assenjati ghandhom jirrapportaw bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmija Wayne Delia u Aaron Steven Stewart Edward sive Aaron Ritchie kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputati Wayne Delia u Aaron Steven Stewart Edward sive Aaron Ritchie l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------